IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 27

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**27.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

27.1.1 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar, talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 26 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**27.3 Korrispondenza**

27.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar l-iskema *'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart*. Is-Sindku qal lill-kunsillier Anton Gellel, li taħtu jaqa' dan id-dekasteru, sabiex jiddiskutu din l-iskema u kif nistgħu nibbenefikaw minnu bħala kunsill.

27.3.2 Preżentati ritratti ta' irċevuta ta' bukkett u avviż ta' kondoljanzi għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-mewt ta' kunsillier ta' Vignanello li miegħu l-Birgu huwa ġemellat.

27.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Janice Borg għan-nom ta' Infrastructure Malta bil-pjanti u *photomontages* tal-proġett tat-Toqba tal-Birgu wara li l-kunsill għamel talba għal din id-dokumentazzjoni.

27.3.4 Preżentati l-Performance Bonuses tal-ħaddiema taħt l-iskema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Dawn ġew approvati unanimament mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti.

27.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku, lis-Sur Pierre Vassallo, Kap tas-Segretarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, dwar l-istima tax-xogħlijiet ta' restawr li fadal fil-Berġa ta' Franza. Is-Sindku qal ukoll li se jitlob l-għajuna teknika ta' tlett kumpaniji, VCT, Hydroelectric u ESS sabiex jaraw x'tip ta' dwal hemm bżonn li jeħel fil-partijiet li jonqos ir-restawr.

27.3.6 Preżentata n-notifika mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-panelli fuq il-bejt tal-Berġa ta' Franza.

27.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku, lill-Enġinier is-Sur Matthew Spiteri sabiex tintalab għajnuna ta' x'tip ta' bozoz ikunu l-aħjar biex fiż-żona f'Tal-Ħawli, jinbidlu l-bozoz l-antiki u jitwaħħlu oħrajn ġodda, moderni u li jikkunsmaw inqas enerġija.

27.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Richard Demicoli f'isem il-kumpanija *The Notebook Centre* dwar skema proposta lill-kunsilli lokali tal-Kottonera u l-Kalkara għall-benefiċċju tar-residenti kollha tal-lokal. Din l-iskema, jekk il-kunsilli l-oħra jaċċettaw, tkun tiswa' elfejn Ewro (€2000) kull kunsill u permezz t'hekk jintlaħaq ftehim biex kull resident f'dawn il-lokalitajiet (Birgu, Bormla, Isla u l-Kalkara) ikollhom ċans li darba f'sena, jmorru fil-ħanut ta' din il-kumpanija u jkollhom ċans li jinqdew b'xejn fuq xi ħaġa relatata mal-kompjuter jew laptop bħal ħsarat, tindif, formatting, eċċ. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li nipparteċipaw għax hija inizjattiva għall-benefiċċju tar-residenti.

27.3.9 Preżentata korripondenza mibgħuta mis-Sinjur Jeanette Abdilla mill-Uffiċċju tal-Moniteraġġ fi ħdan id-Direttorat tal-Gvern Lokali dwar il-Laqgħa Pubblika 2020 li għandu jagħmel il-kunsill fejn f'din l-ittra, għalkemm ġie spjegat li mhux etiku li ssir laqgħa pubblika minħabba s-sitwazzjoni preżenti, id-Direttorat qed javża li jekk din ma ssirx, il-kunsill ikun qed jikser l-Att tal-Kunsilli Lokali. Il-kunsillier Anton Gellel, wera li jaqbel mal-fatt li din ma ssirx għar-raġuni ovji li bħalissa ninsabu fihom minħabba l-pandemija tal-Covid-19, iżda propona li din issir online għar-residenti u preżenti fil-laqgħa jkun hemm biss il-kunsilliera u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Qal ukoll li tista' ssir fil-Youth Centre sabiex is-siġġijiet ikunu spazjati għar-residenti li jkunu jixtieq jattendu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament fuq il-proposta biex din il-alqgħa ssir fil-Berġa ta' Franza għall-kunsilliera biss u r-residenti jkunu jistgħu jsegwu online. Għaldaqstant għandha tinstab ġurnata adatta sabiex issir din il-laqgħa f'Jannar.

**27.4 Proġetti tal-Unjoni Ewropea**

27.4.1 Is-Sindku spejga kif il-proġett *'Seven EU Countries – One Identity'* li kellu jsir tul Novembru li għadda, ġie pospost għas-sena 2021. Għaldaqstant, is-Sur Mitja Bukovec, informa lis-Sindku sabiex jibgħat email lill-imsieħba tal-proġett sabiex jinfurmhom li dan se jsir aktar 'il quddiem.

27.4.2 Il-proġett *Active debate of Citizens: they are the Heritage for the European Future*, kien approvat u għaldaqstant is-Sindku iffirma l-ftehim ta' dan il-proġett li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab imsieħeb fih. Is-Sindku qal li l-attivitajiet tal-proġett se jinqasamu f'ħames (5) pajjiżi, l-aħħar wieħed Malta li huwa propju rappreżentat mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**27.5 Applikazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

27.5.1 Is-Sindku John Boxall qal li ġiet mibgħuta komunikazzjoni mid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard, dwar Tnedija tal-Proċess għas-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. F'din il-komunikazzjoni, il-kunsilli ġew infurmati li l-proċess ta' laqgħat u informazzjoni se jsir bejn ix-xhur ta' Jannar u Marzu 2021 bejn il-kunsilli lokali u dawk Reġjonali sabiex jirreġistraw l-interess u l-proposta tal-kunsill rispettivament.

27.5.2 Is-Sindku ġie informat mill-kunsilliera li l-Onor. Glenn Bedingfield tkellem fil-Parlament Malti dwar dan u kien qal li se jipprova jmexxi applikazzjoni sabiex dan it-titlu jingħata lill-ibliet tal-Kottonera f'daqqa taħt belt waħda. Is-Sindku qal li s'issa ma saret ebda komunikazzjoni miegħu dwar dan iżda qal li hu se jikkomunika mal-President tar-Reġjun Xlokk sabiex juri l-interess tal-Birgu għal dan it-titlu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**27.6 Xogħol fil-Berġa ta' Franza**

27.6.1 Is-Sindku qal li bħalissa għaddej xogħol ta' restawr fl-entratura tas-sular ta' fuq tal-berġa liema xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-kunsill u minn priġunier tas-sengħa li qed jinġieb fil-berġa kuljum mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jgħin f'dan ix-xogħol ta' restawr. Kif spjega qabel, is-Sindku qal li se jġib esperti minn tlett kumpaniji differenti sabiex jieħu parir ta' kif u x'tip ta' dwal huwa l-aħjar li jintuża f'din il-parti li qed tiġi restawrata.

**27.7 Tender tal-Knis**

27.7.1 Is-Sindku qal li l-offerti tat-tender tal-knis ġew evalwati u rriżulta li t-tlett (3) offerti ma kinux kompetibbli ma' dak li kien mitlub fit-tender u għaldaqstant dawn waqgħu. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk il-kunsill jingħata fondi sabiex iħaddem erba' (4) min-nies u jkunu l-kenniesa tal-lokal biex b'hekk il-kunsill ikollu sorveljanza u kontroll assolut fuq dan is-servizz biex tali servizz jingħata bl-aħjar mod possibli.

**27.8 Skema tal-Unjoni Ewropea**

27.8.1 Dan l-item tal-aġenda ma ġiex diskuss waqt din il-laqgħa u ser jiġi preżentat għal-laqgħa li jmiss.

N.B. 7:20pm - Il-Kunsillier Jason Portelli talab biex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**27.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.9.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Awtorità tal-Artijiet bagħtet mill-ġdid il-kont pendenti tad-dawl u ilma tal-perjodu meta l-Berġa ta' Franza ma kinetx għada maqluba fuq il-Kunsill lokali u għaldaqstant il-kontijiet kienu jitħallsu minn din l-awtorità. Is-Sindku qal li kien diġà sar qbila biex isir ħlas ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar biex jinqata' dan il-kont.

27.9.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li kienet waslitlu komunikazzjoni li l-bandiera Maltija tista' titniżżel mezza lasta meta meħtieġ fuq l-arblu tal-kunsill. Dan il-parir intalab sabiex il-kunsill ikollu gwida ta' xi jsir fil-każ ta' mewt ta' Sindku, ex-Sindku, kunsilliera u ex-kunsilliera. Għaldaqstant is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li jekk ikun meħtieġ, il-bandiera fuq l-arblu tal-kunsill fuq il-mina l-ġdida fil-bidu ta' Triq Pawlu Boffa, titniżżel mezza lasta.

27.9.3 Il-kunsillier Anton Gellel propona li jinxtraw jew jintalbu mill-Ministeru tal-Ambjent, *picknick benches* sabiex jitpoġġew fil-Foss tal-Birgu għal dawk il-familji li jixtieq jagħmlu ħarġa bil-familja fil-foss. Il-kunsiller Trevor Mizzi kellu jiċċekja dwar dawn il-bankijiet.

27.9.4 Il-kunsillier Anton Gellel propona li ż-żewġ qaddiefa nisa tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu u l-grupp taż-żfin Kinetic, jingħataw tifkira bħala apprezzament mill-Kunsill Lokali tal-Birgu għas-suċċessi tagħhom rispettivament. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

27.9.5 Il-kunsillier Anton Gellel qal li hemm bżonn li jsiru l-linji ta-żebgħa għall-banka tal-Lottu l-ġdida f' Tal-Ħawli u jiġu ffriskati dawk tal-Mandraġġ.

27.9.6 Il-kunsillier Anton Gellel propona li fil-Pjazza tal-Birgu jitwaħħal *digital screen* li fuqu jitpoġġew avviżi tal-kunsill, aġenda u minuti tal-laqgħat u affarijiet

oħra relatati mal-lokal. Fuq din il-proposta kien hemm qbil unanimu sabiex jibda l-proċess biex dan isir.

27.9.7 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li hu ma tantx jifhem fil-qasam tal-Annimali, li huwa parti mid-dekasteru tiegħu. Għaldaqstant propona li dan id-dekasteru jingħata lill-kunsillier Trevor Mizzi li huwa aktar intiż f'dan il-qasam. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, qablu ma' din il-bidla.

27.9.8 Il-kunsillier Anton Gellel staqsa lis-Sindku jekk daħlux il-fondi tal-proġett LC Care għal xiri ta' ikel għall-annimali abbandunati peress li ġie avviċinat mis-Sur Lawrence Magrin li l-ispejjeż tal-ikel qed jiżdiedu biex ikun jista' jitma' qtates tat-toroq fil-Birgu. Is-Sindku qal li l-ftehim ġie ffirmat u qed nistennew li l-fondi jingħataw lill-kunsill biex iqassamhom skont il-pjan tal-proġett.

27.9.9 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li s-Sur Jason Portelli kien attenda ċ-ċelebrazzjoni li saret fil-Kalkara sabiex tfakkar jum din il-lokalità.

27.9.10 Is-Sindku qal lill-kunsillier Trevor Mizzi biex jiċċekja jekk hemmx xi inizjattivi ġodda favur mezzi effiċjenti tat-trasport li minnhom jista' jibbenefika l-kunsill. Il-kunsillier Trevor Mizzi propona li kieku jinxtara van tal-elettriku għall-ġbir tal-bulky, inizjattiva favur l-ambjent. Intqal ukoll li tkun idea tajba jekk il-kunsill 'il quddiem, jinvesti f'van żgħir ħafna tal-elettriku li jgħaddi mit-toroq id-dojoq sabiex jintuża għall-kenniesa jekk 'il quddiem il-kenniesa jkunu impjegati tal-kunsill stess.

27.9.11 Is-Sindku qal ukoll li qed jitħejja filmat dwar il-van tal-elettriku li jwassal lill-anzjani sabiex permezz ta' dan il-filmat, isir ringrazzjament xieraq lill-benefatturi tiegħu li huma, The Alfred Mizzi Foundation, Wirt Artna u Grand Harbour Marina. Is-Sindku qal li ried iwassal il-messaġġ li dan il-van inxtara mill-fondi li ġabar il-kunsill u mill-ebda fondi jew skemi li ħareġ il-Gvern jew entitajiet governattivi għax il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien qed jitwarrab u qatt ma jintgħażel għall-skemi ta' dan it-tip kull darba li japplika għalihom.

27.9.12 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li x-xogħol li kellu jagħmel il-kuntrattur tad-dawl għas-sistema tal-Collachio ma sarx kollu kif mitlub. Is-Sindku diġà talab kemm-il darba biex issir laqgħa mad-Direttorat tar-Restawr biex dawn il-problemi ta' ħsarat jiġu solvuti. Qal ukoll li d-direttorat qed jippjana li jagħti lill-kunsill fondi kull sena sabiex iżomm manutenzzjoni tas-sistema li saret fil-Collachio u mas-swar. Biss, bħalissa hawn wisq ħsarat u għaldaqstant, il-fondi li jingħataw, iridu jingħataw wara li jiġi restawrat kollox u mhux qabel għax inkella l-kunsill kien se jispiċċa xorta b'xejn ankè ħabba l-fatt li l-prezzijiet tal-kuntrattur

Taljan li qed jagħmel ix-xogħol, huma għoljin ħafna. Is-Sindku qal li t-Taljan ma jridx jagħmel aktar xogħol qabel jitħallas mid-direttorat tal-ħsarat li sewwa fit-toroq u s-swar tal-Birgu minkejja li xi xogħol għadu pendenti. Apaprti hekk, dan il-kuntrattur mhux dejjem ikun Malta u mhux aċċettabli li bozza fi triq tagħmel xahar biex titranġa.

27.9.13 Is-Sindku qal li għadu ma rċieva ebda risposta min-naħa tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex il-kunsill jiltaqa' miegħu u jiddiskuti d-diversi proġetti kapitali kbar li għandu l-kunsill għall-Birgu.

**27.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 19** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5775** sa **BOV 5806** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' Bank Transfer. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**27.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 12 ta` Jannar 2021 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **12 ta' Jannar 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |